MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru. 972/2005

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Karen Pace, bint Publius, imwieleda Pieta’ fl-20 ta’ april, 1981

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli f’awissu, 2004, u fil-ġranet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda –
1. b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew bili nqdiet b’qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' aktar minn Lm1,000 għad-dannu tal-APS Bank Ltd., HSBC Bank Malta plc u diversi persuni u azjendi oħra;

2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi approprjat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn Lm1,000 għad-dannu tal-APS Bank Ltd., HSBC Bank Malta plc u diversi persuni u azjendi oħra, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jsir użu minnha speċifikat;

3. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi, iffalsifikat ċedola, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn offiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement għamlet użu minnhom;

4. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi, għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipruvaw; kif ukoll talli xjentement għamlet użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

5. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi, xjentement għamlet użu minn dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, magħmul jew mogħti, minn uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impjieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat; kif ukoll talli xjentement għamlet użu minn falsifikazjoni li saru minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorita';

6. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi, xjentement għamlet użu minn skrittura privata ffalsifikata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;

7. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi, għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' mejju, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 18, 308 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 18, 293 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 18 u 167 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 18 u 169 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 18 u 183 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 18 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 18 u 186 tal-Kodiċi Kriminali;
i. fl-artikoli 18 u 187(2) tal-Kodiċi Kriminali;
j. fl-artikoli 18 u 189 tal-Kodiċi Kriminali; u
k. fl-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' ġunju, 2008 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' ġunju, 2008 fejn il-partijiet qabl li l-bank involuta ma sofra ebda danni.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti  l-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra l-imputata ma jirrizultawx.

Illi l-akkużi kollha l-oħra ġew pruvati mingħajr ebda dubju.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkużi.  Issibha ħatja tal-akkużi l-oħra kollha.  Rat l-artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 186, 187(2) u 189 tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------